Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 22/12

**Minuti tal-22 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fl-10:30 am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Joseph Sultana (Viċi president) il-membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Charles Said, Anthony Formosa, Mario Azzopardi, Nicky Saliba u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi il-minuti tal-20 u 21 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

1.1 Mingħand Michael Cohen (President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali) jinforma dwar il-laqgħat u abbozz ta' ftehim illi ntlaħaq bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Datatrack

1.2 Mingħand l-Employment & training Corporation rigward il-proċedura fil-każ ta' impjegati ġodda illi jiġu mpjegati mal-Kumitat Reġjonali. F'dan il-każ tiġi applikata l-proċedura tal-parastatali.

1.3 Mingħand Producer's Creative Partnership (PCP) rigward is-suq tal-films u l-possibiltà illi l-gżira t'Għawdex tidħol f'dan is-suq internazzjonali.

1.4 Mingħand il-Kunsill Malta għall-Ekonomija u Żvilupp Soċjali dwar in-nominazzjoni tal-membri tal-Kumitat Reġjonali fi ħdan il-Gozo Regional Committee

1.5 Mingħand Meusac dwar konferenza nazzjonali bit-tema Għawdex: Gżira-reġjun fl-Unjoni Ewropeja.

1.6 Mistoqsija Parlamentari nr. 34882 – dwar vakanzi għall-impjegati mar-Reġjun Għawdex. Is-segretarju rrisponda illi m'hemmx vakanzi.

2. **<u>Tender dwar il-Provvediment tal-Infurzar Lokali</u>**

Is-segretarju ta informazzjoni dwar l-andament tal-proċess ta' dan it-tender. Huwa qal illi d-deċiżjoni sabiex tingħata l-offerta kienet ittieħdet fuq deċiżjoni tal-Kumitat Reġjonali però il-proċess kien twaqqaf wara illi l-Kumitat rċieva notifika mill-Qorti inferjuri tal-appelli dwar appell fuq l-istess tender imressaq mill-Aurelia Enforcement Ltd. Din id-deċiżjoni iitieħdet fuq parir tal-avukat. L-appell kellu jinstema' nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju però ġie diferit mill-Qorti għall-4 t' Ottubru.

L-offerent Guard and Warden Services House Ltd. fejn issuġerixxa illi tidaħħal klawsola fil-kuntratt fejn tispeċifika illi jekk l-appell jintrebaħ mill-Aurelia Enforcement Ltd., il-

Kumitat Reġjonali għandu kull dritt li jwaqqaf il-kuntratt mingħajr ma jħallas ebda penali. Fuq din il-proposta u wara li reġgħet ġiet konsultata l-liġi, l-avukat ta l-parir illi l-Kumitat Reġjonali jkompli bil-proċess tal-iffirmar tal-kuntratt mal-Guard and Warden Services House Ltd. Is-segretarju qara l-parir tal-avukat.

Il-Kumitat qabel illi għandu jkompli bil-proċess tal-għoti tal-kuntratt u ġie maqbul unanimament illi għandha toħroġ l-acceptance letter lill-Guard and Warden Services House Ltd skont il-ftehim tal-prezz ridott jiġifieri r-rotot ser ikunu b'dawn il-prezzijiet.

| Rate | Original Price | Final Price |
|---|---|---|
| Normal | €26.00 | €21.50 |
| Late hours | €33.00 | €28.50 |

Sussegwentement għandu jiġi iffirmat il-kuntratt.

3. **<u>Kuntratt tal-uffiċjal Awtorizzat u Ħaddiema tat-tribunali</u>**

Is-segretarju qal illi saret laqgħa bejn il-membri tal-Kumitat Reġjonali u l-offerent kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa sabiex jerġgħa jiġi diskuss il-prezz tas-servizz. Il-laqgħa saret ukoll fid-dawl tal-ħaddiema tat-tribunal lokali. Dwar din il-materja is-segretarju spjega l-iżvilupp li sar sa dak inhar. Wara komunikazzjoni li kien hemm bejn is-segretarju u d-direttur tal-gvern lokali, dan tal-aħħar talab illi t-trasferiment tal-impjegati tat-tribunal jista' jsir ġa la kemm jiġu osservati l-proċeduri tal-ETC. Is-segretarju talab għal direzzjoni mingħand l-ETC li min naħa tagħhom stqarru illi ma jistax ikun hemm trasferiment dirett mill-privat għall-parastatali. Is-segretarju nforma lid-direttur b'din id-direzzjoni. Is-segretarju fiehem lill-kumitat illi għandu żewġ għażliet fuq din il-materja li huma:

1. Toħroġ sejħa skont il-proċeduri tal-ETC

2. L-impjegata tibqa ħaddiema tal-kumpanija tal-uffiċjalu awtorizzat.

Il-kumitat iddeċieda illi l-impjegata tat-tribunal għandha tibqa ħaddiema tal-kumpanija tal-uffiċjal awtorizzat.

Is-segretarju qara r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni illi kien kompost minn Dr Samuel Azzopardi (Chairman), Dr Monica Vella (membru), Saviour Borg, Edgar Gatt (membru). Il-konklużjoni tar-rapport kienet illi din l-offerta għandha tiġi mogħtija lill-uniku offerent Toad Management Services bil-prezzijiet kif imniżżla f'din it-tabella. Il-Kumitat qabel illi għandha tingħata l-offerta.

| Tender envelope No | Tenderer name | Financial offer (Euro) | Discount applicable (Euro) | Contract value (Euro) |
|---|---|---|---|---|
| **1** | Toad Management Services Ltd | € 12,000 per annum (excluding VAT) | | € 60,000 (exclusive of VAT) for 5 years) |

4. **Kuntratt mad-Datatrack**

Is-segretarju qara l-komunikazzjoni minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll direttiva minn naħa tad-Dipartiment lokali fejn ma jsib ebda oġġezzjoni illi dan il-kuntratt jiġi iffirmat bejn il-Kumitat Reġjonali u Datatrack (Loqus). Il-Kumitat Reġjonali wara li spezzjona l-kuntratt qabel illi jiġi iffirmat.

5. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ta'skeda numru 14 illi jammonta għall- € 26,950.36 ġiet approvata.

6. **Materji Oħra**

Dr Samuel Azzopardi (President) u Francis Cauchi (membru) talbu lill-Kumitat Reġjonali sabiex issir l-applikazzjoni għall-speed camera fi Triq Gwanni Pawlu II (Victoria) u Triq l-Imġarr Għajnsielem rispettivament. Is-segretarju ser jikteb lill-Transport Malta sabiex jinbeda dan il-proċess.

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| Dr Samuel Azzopardi<br>President | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |